# L-EDITORJAL

## ĦAMSIN SENA MIT-TWAQQIF TAL-GĦAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR

1964-2014

**Fil-21 ta' Diċembru 1964, fl-Anglo Maltese League l-Belt saret Laqgħa Ġenerali biex titwaqqaf L-Għaqda Maltija tal-Folklor u kien ġie elett il-kumitat għas-sena 1965. Dr Charles Cassar kien President, C.A. Micallef kien Segretarju, u J. Sammut kien Teżorier. Bħala membri kien hemm is-sinjuri J. Magri, Ġużè Galea, M. Abela, L. Azzopardi, u Ġużè Cardona. Ninu Cremona u Ġużè Cassar Pullicino saru Presidenti Onorarji.**

It-twaqqif tal-Għaqda Maltija tal-Folklor ma seħħx neċessarjament b'data preċiża, għax għalkemm twaqqfet uffiċjalment kif semmejna hawn fuq, madankollu kienet ilha tinbena minn madwar l-1950, u għaddiet minn diversi fażijiet. Is-Soċjetà Agrarja kienet ilha għal żmien twil torganizza l-wirja tal-Imnarja fil-Buskett. F'lejlet l-Imnarja, sa minn żminijiet imbiegħda, kien ikun hemm l-għana. L-għannejja kienu bdew isiru storbjużi, diżorganizzati u ġellidin, u s-Soċjetà Agrarja ddeċidiet li għandha ssir xi ħaġa biex dawn in-nies jiġu kkontrollati. Għalhekk fl-1952 organizzat l-ewwel kompetizzjoni tal-għana permezz ta' kumitat apposta magħmul minn Dr C. Cassar, C. Peralta, u Salv. Zammit. Ġie deċiż li l-għana jkun ibbażat fuq temi jew suġġetti li jittellgħu bix-xorti fuq il-post, biex jiġi evitat li jsir għana ta' attakki personali bejn l-għannejja.

Wara s-suċċess ta' din il-kompetizzjoni, Ġużè Cassar Pullicino u Dr C. Cassar iddeċidew li jsejħu laqgħa ta' għannejja nhar il-Ħadd, 13 ta' Novembru 1955 f'Palazzo De La Salle l-Belt, u hemm iffurmaw l-Għaqda Għannejja Maltin (għalkemm fit-Times of Malta l-isem deher bl-Ingliż Maltese Folk-Song Society). Peress li din l-Għaqda ma kellhiex għomorha twil, is-Soċjetà Agrarja talbet lill-Għaqda tal-Folklor biex tkompli torganizza l-konkors ta' għana fil-Buskett, u dan l-Għaqda għamlitu. Iżda f'laqgħa li saret fl-Anglo Maltese League fit-8 ta' April 1973, ġie deċiż li dan ma jkomplix aktar minħabba li l-Gvern kien ifforma l-Kumitat Festi Nazzjonali, u għalhekk l-Għaqda tal-Folklor ma baqgħetx aktar direttament responsabbli.

Minn dak iż-żmien 'il hawn, l-Għaqda tal-Folklor ikkonċentrat fuq ħidma favur il-Folklor Malti permezz ta' taħditiet pubbliċi, wirjiet, programmi fuq il-mezzi tax-xandir u, forsi l-iżjed importanti, permezz tar-riċerka u l-kitba. Il-perjodiku tal-Għaqda – L-Imnara – ħareġ għall-ewwel darba fl-1978, imwaqqaf u editjat mill-folklorista magħruf Guido Lanfranco. Fl-2004 L-Imnara għaddiet f'idejn Ġużi Gatt li laħaq editur tagħha.

Fl-okkażjoni ta' għeluq il-ħamsin sena mill-ewwel Laqgħa Ġenerali fl-Anglo Maltese League li ħatret l-ewwel kumitat uffiċjali, l-Għaqda tal-Folklor ingħaqdet mal-pubblikaturi Books Distributors Ltd. biex L-Imnara tingħata preżentazzjoni aħjar, u r-riċerka u l-kitba ta' ġo fiha jsibu udjenza usa' u jilħqu aktar ċittadini Maltin u Għawdxin.

Nittamaw li l-għażla ta' artikli li ssibu f'din il-ħarġa tkunilkom ta' siwi.

© **BDL Publishing** • www.bdlbooks.com

Disinn tal-qoxra u tal-magazin © Book Distributors Limited

© tal-artikli: awturi

**L-Għaqda Maltija tal-Folklor:**

**Il-Kumitat għas-sena 2014:**

President Onorarju: Is-Sur Guido Lanfranco.

President: Is-Sur Anton Attard; Viċi President: vakanti; Segretarju: Is-Sur Ġużi Gatt; Teżorier: Is-Sur George Glanville; Assistent Segretarju; Is-Sur Carmelo Pace, Assistent Teżorier: Is-Sur Alfred Borg, Membri: Is-Sur Angelo Dougall; is-Sur Joseph Fenech; u s-Sur John Zammit.

ISSN: 2409-1758

Bullettin tal-Għaqda Maltija tal-Folklor. Joħroġ darba fis-sena.

L-opinjonijiet li jidhru hawn m'humiex neċessarjament dawk tal-Għaqda, tal-pubblikatur jew tal-Editur, jekk ma jkunux hekk speċifikati.

Kitbiet oriġinali jistgħu jintbagħtu lill-Editur:
Is-Sur Ġużi Gatt, 7C *'Perry Courts'*, Triq B'Kara, San Ġiljan. STJ 1307.
ggatt77@hotmail.com.